DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/1747

tat-28 ta' Settembru 2021

li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, rigward l-awdituri esterni ta' Banka Slovenije

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' Lulju 2021 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni ta' Banka Slovenije (BĊE/2021/28) ([1]),

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jiġu awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Il-mandat tal-awdituri esterni attwali ta' Banka Slovenije, Ernst & Young revizija, poslovno svetovanje, d.o.o., intemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2020. Huwa għalhekk meħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2021 'il quddiem.

(3) Banka Slovenije għażel lil PricewaterhouseCoopers podjetje za revizijo in druge finančno računovodske storitve, d.o. o. bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2021 sa 2023.

(4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li PricewaterhouseCoopers, podjetje za revizijo in druge finančno računovodske storitve, d.o.o għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni ta' Banka Slovenije għas-snin finanzjarji 2021 sa 2023.

(5) Wara r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE ([2]) tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/70/KE, il-paragrafu 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"13. PricewaterhouseCoopers, podjetje za revizijo in druge finančno računovodske storitve, d.o.o. huma b'dan maħtura bħala l-awdituri esterni ta' Banka Slovenije għas-snin finanzjarji 2021 sa 2023.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

([1]) ĠU C 299, 27.7.2021, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE tal-25 ta' Jannar 1999 dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali (ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
S. KUSTEC